

32004D0427

L 154/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.4.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' April 2004

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/221/KE rigward il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-prodotti tal-laħam li jkunu qegħdin jittransitaw jew ikunu maħżuna temporanjament fil-Komunità

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2004)1589)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2004/427/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli dwar is-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-produzzjoni, il-proċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni tal-prodotti ta' oriġini mill-annimali għall-konsum mill-bniedem ⁽¹⁾, b'mod partikolari t-tielet inċiż ta' l-Artikolu 8(5) u l-Artikolu 9(2) u (4)(ċ) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/221/KE tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikati veterinarji mudell rigward l-importazzjonijiet tal-prodotti mil-laħam mill-pajjiżi terzi ⁽²⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/222/KE tistabbilixxi l-lista tal-pajjiżi terzi li minn għandhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni tal-prodotti mil-laħam ⁽³⁾.
- (3) Id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq il-prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽⁴⁾ u ċerti disposizzjonijiet għat-transitu diġà pprovvduti fl-Artikolu 11 bħalma huwa l-użu tal-messaġġi bl-ANIMO u tad-dokument komuni veterinarju tad-dħul.
- (4) Madankollu, huwa meħtieġ, sabiex tiġi ssalvagwardata s-sitwazzjoni tal-mard fil-Komunità li jiġu żgurati wkoll il-kunsinni tal-prodotti mil-laħam li jkunu qegħdin jittransitaw minn ġol-Komunità, li jikkonformaw ukoll mal-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali waqt l-importazzjoni li japplikaw għall-pajjiżi awtorizzati rigward l-ispeċi rilevanti interessati.

- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KE tal-21 ta' Diċembru 1979 li tfassal lista tal-pajjiżi terzi jew tal-partijiet tagħhom, u li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa pubblika u ta' l-annimali u l-kondizzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ġewwa l-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u tal-laħam frisk tagħhom ⁽⁵⁾, ġiet emendata dan l-aħħar sabiex tinkludi l-kondizzjonijiet tat-transitu u deroga għat-transitu bejn ir-Russja b'riferiment għal postijiet speċifiċi ta' l-ispezzjon fuq il-fruntiera nnominati għal dan il-għan ta' l-aħħar.

- (6) Fid-dawl ta' l-esperjenza, jidher illi l-preżentazzjoni lil post ta' l-ispezzjon ta' fuq il-fruntiera, skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/78/KE, tad-dokumenti oriġinali veterinarji stabbiliti fil-pajjiżi terzi ta' l-esportazzjoni sabiex titwettagħ il-ħtieġa regolatorja tal-pajjiżi terzi tad-destinazzjoni, mhix biżżejjed sabiex tiżgura illi jkunu sodisfatti b'mod effettiv il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali meħtieġa għall-introduzzjoni fis-sigurtà fit-territorju tal-Komunità tal-prodotti interessati. Huwa għalhekk approprijat li jiġi stabbilit kampjun speċifiku taċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali għalbiex jintuża fis-sitwazzjonijiet tat-transitu għall-prodotti interessati.

- (7) Huwa approprijat ukoll li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 97/78/KE, illi t-transitu huwa permess biss minn pajjiżi terzi li l-prodotti tagħhom mhumiex ipprojbiti milli jiddaħħlu fit-territorju tal-Komunità, billi jsir riferiment għal-lista tal-pajjiżi terzi annessa mad-Deċiżjoni 97/222/KE.

- (8) Madankollu l-kondizzjonijiet speċifiċi għat-transitu permezz tal-Komunità tal-kunsinni lejn u mir-Russja għandhom jiġu previsti minħabba s-sitwazzjoni ġeografika ta' Kaliningrad u billi jitqiesu l-problemi klimatiċi li jipprojbixxu l-użu ta' wħud mill-portijiet f'ċerti żminijiet tas-sena.

⁽¹⁾ ĠU L 18, tat-23.1.2002, pġ.11.⁽²⁾ ĠU L 89, ta' l-4.4.1997, pġ.26. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2004/212/KE (ĠU L 73, tal-11.3.2004, pġ.11).⁽³⁾ ĠU L 98, ta' l-4.4.1997, pġ.39. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2004/245/KE (ĠU L 77, tat-13.3.2004, pġ.62).⁽⁴⁾ ĠU L 24, tat-30.1.1998, pġ.9. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bl-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-Adeżjoni (ĠU L 236, tat-23.9.2003, pġ.381).⁽⁵⁾ ĠU L 146, ta' l-14.6.1979, pġ.15. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2004/212/KE (ĠU L 73, tal-11.3.2004, pġ.11 4).

- (9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/881/KE ⁽¹⁾ tfassal lista tal-posti ta' l-ispezzjon ta' fuq il-fruntiera miftiehma għall-kontrolli veterinarji fuq l-annimali u l-prodotti mill-annimali minn pajjiżi terzi u huwa approprijat li jiġu speċifikati l-posti ta' l-ispezzjon ta' fuq il-fruntiera nnominati għall-kontroll ta' dawn it-transiti filwaqt li titqies din id-Deċiżjoni.
- (10) Id-Deċiżjoni tak-Kummissjoni 97/221/KEE għandha tiġi emendata kif jixraq.
- (11) Il-miżuri provvduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 97/221/KE hija emendata kif ġej:

1. jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:

“Artikolu 3a

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-kunsinni tal-prodotti mil-laħam għall-konsum mill-bniedem introdotti għewwa t-territorju tal-Komunità u li jkunu ddestinati għal pajjiżi terzi jew bi transitu immedjat jew wara l-ħażna skond l-Artikoli 12 jew 13 tad-Direttiva 97/78/KE, u mhux maħsuba għall-importazzjoni fil-KE għandhom jikkonformaw mal-ħtiġijiet li ġejjin:

- (a) għandhom jiġu mit-territorju ta' pajjiżi terzi jew minn parti minnu elenkati fl-Anness mad-Deċiżjoni 97/222/KE u jkunu għaddew mit-trattament minimu għall-importazzjoni tal-prodotti mil-laħam ta' l-ispeċi interessati previsti fih.
- (b) għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali għall-ispeċi interessata ddikjarata fiċ-ċertifikat mudell tas-saħħa ta' l-annimali mfassal skond l-Anness I mad-Deċiżjoni 97/221/KE.
- (c) għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali stabbilit skond il-kampjun stabbilit fl-Anness III, iffirmit minn veterinarju uffiċjali tas-servizzi veterinarji kompetenti tal-pajjiżi terzi interessat.
- (d) ikunu ċċertifikati bħala aċċettabbli għat-transitu jew għall-ħażna (kif approprijat) fuq id-Dokument Veterinarju Komuni għad-Dħul mill-Uffiċjal Veterinarju fuq il-Posta ta' l-Ispezzjon ta' fuq il-Fruntiera tad-dħul.”

2. Jiddaħħal l-Artikolu 3b li ġej:

“Artikolu 3b

1. Bħala deroga mill-Artikolu 3a, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw it-transitu bit-triq jew bil-ferrovija minn ġol-Komunità, bejn il-posti Komunitarji ta' l-ispezzjon

innominati elenkati fl-Anness IB mad-Deċiżjoni 2002/881/KE, tal-kunsinni li jkunu ġejjin mir-Russja u ddestinati għaliha direttament jew permezz ta' pajjiżi terzi ieħor sakemm jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-kunsinna għandha tkun issiġillata b'siġill enumerat b'serje fuq il-posta ta' l-ispezzjon ta' fuq il-fruntiera tad-dħul fil-Komunità Ewropea mis-servizzi veterinarji ta' l-awtorità kompetenti;
- (b) id-dokumenti li jakkumpanjaw il-kunsinna u riferiti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/78/KE għandhom jiġu ttimbrati GĦAT-TRANSITU LEJN IR-RUSSJA BISS PERMEZZ TAL-KE fuq kull paġna mill-uffiċjal veterinarju ta' l-awtorità kompetenti responsabbli mill-BIP;
- (c) il-ħtiġijiet proċedurali pprovvduti fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 97/78/KE għandhom jiġu kkonformati magħhom;
- (d) il-kunsinna tiġi ċċertifikata bħala aċċettabbli għat-transitu fuq id-Dokument Veterinarju Komuni għad-Dħul mill-Uffiċjal Veterinarju fuq il-Posta ta' l-Ispezzjon ta' fuq il-Fruntiera tad-dħul.
2. Ma għandhomx jiġu permissi l-ħatt jew il-ħażna, kif iddefiniti fl-Artikolu 12(4) jew l-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE, fuq it-territorju tal-KE għal dawn il-kunsinni.
3. Għandhom isiru verifiki regolari mill-awtorità kompetenti sabiex tiżgura illi n-numru tal-kunsinni u tal-kwantitajiet tal-prodotti li jħallu t-territorju tal-Komunità Ewropea jaqbel man-numru tal-kwantitajiet li jidħlu.”
3. L-Anness jiġi emendat skond l-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mill-1 ta' Mejju 2004.

Il-punt 1 ta' l-Artikolu 1 u l-Anness għandhom jibdedw japplikaw biss mill-1 ta' Jannar 2005.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 326, tal-11.12.2001, p.44. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2003/831/KE (ĠU L 313, tat-28.11.2003, p.61).

ANNEX

L-Anness mad-Deċiżjoni Nru 97/221/KE huwa emendat kif ġej:

1. L-Anness jingħata n-numru mill-ġdid ta' l-Anness I.
2. Jiżdied l-Anness II li ġej:

“ANNEX II

(It-transitu u/jew il-ħażna)

Il-kampjun TRANSITU/ĦAŻNA

<p>1. Il-Kunsinnatur (l-lsem u l-indirizz sħaħ) </p>	<p>IĊ-ĊERTIFIKAT VETERINARJU għall-prodott mil-laħam ⁽¹⁾, lejn [transitu]/[ħażna] ⁽²⁾ ⁽⁸⁾ il-Komunità Ewropea</p> <p>Nru ⁽³⁾ L-ORIGĪNAL</p>																																																
<p>2. Id-Destinatarju (l-lsem u l-indirizz sħaħ) </p>	<p>3. L-oriġni tal-prodott mil-laħam ⁽⁴⁾ 3.1. Il-pajjiż: 3.2. Il-Kodiċi tat-territorju:</p>																																																
<p>5. Id-Destinazzjoni maħsuba ⁽⁸⁾ [transitu]/[ħażna] tal-prodott mil-laħam 5.1. Il-ħażna fi: L-Istat Membru tal-KE: L-lsem u l-indirizz ta' l-istabbiliment ⁽⁶⁾ ⁽¹¹⁾: 5.2. Id-Destinazzjoni tat-transitu tal-pajjiż terz finali ⁽¹¹⁾: L-lsem u l-indirizz tal-ħruġ tal-BIP tal-Komunità ⁽¹¹⁾:</p>	<p>4. L-awtorità kompetenti 4.1. Il-Ministeru: 4.2. Is-Servizz: 4.3. Il-Livell Lokali/Reġionali:</p>																																																
<p>7. Il-Meżżi ta' l-identifikazzjoni tat-trasport u tal-kunsinna ⁽⁶⁾ 7.1. [Trakk]/[Vaguntal-Ferrovija]/[Bastiment]/[Ajruplan] ⁽⁸⁾ 7.2. In-Numru/i tar-reġistrazzjoni, l-lsem tal-bastiment jew in-numru tat-titjira:</p>	<p>6. Il-Post tat-tagħbija għall-esportazzjoni 7.3. Id-Dettalji ta' l-identifikazzjoni tal-kunsinna ⁽⁹⁾: </p>																																																
<p>8. L-identifikazzjoni tal-prodott mil-laħam 8.1. Il-Laħam minn: (speji ta' annimali) 8.2. It-Temperatura jew trattament ieħor applikati għall-prodott mil-laħam:..... ⁽⁵⁾ 8.3. L-Identifikazzjoni individwali tal-prodott mil-laħam f'din il-kunsinna:</p>																																																	
<table border="1" style="width: 100%; border-collapse: collapse;"> <thead> <tr> <th style="width: 25%;">In-Natura ⁽⁹⁾</th> <th style="width: 25%;">L-lsem u l-indirizz ta' l-istabbiliment/i</th> <th style="width: 15%;">In-Numru tal-pakkeġġi/biċċiet</th> <th style="width: 35%;">Il-piż nett (kg)</th> </tr> </thead> <tbody> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr><td> </td><td> </td><td> </td><td> </td></tr> <tr> <td colspan="2" style="text-align: right;">It-Total</td> <td> </td> <td> </td> </tr> </tbody> </table>		In-Natura ⁽⁹⁾	L-lsem u l-indirizz ta' l-istabbiliment/i	In-Numru tal-pakkeġġi/biċċiet	Il-piż nett (kg)																																									It-Total			
In-Natura ⁽⁹⁾	L-lsem u l-indirizz ta' l-istabbiliment/i	In-Numru tal-pakkeġġi/biċċiet	Il-piż nett (kg)																																														
It-Total																																																	


9. L-Attestat tas-Saħħa ta' l-Annimali

Jiena, hawn taħt iffirmat, veterinarju uffiċjali, hawnhekk niċċertifika illi l-prodott mil-laħam deskritt hawn fuq:

- 9.1. ġej minn pajjiż jew reġjun awtorizzati għall-importazzjonijiet fil-KE kif stabbilit fl-Anness I mad-Deċiżjoni 97/222/KE fil-waqt tal-qatla ta' l-annimali li minnhom huwa dderivat il-laħam fil-prodott mil-laħam u;
- 9.2. jikkonforma mal-kondizzjonijiet rilevanti tas-saħħa ta' l-annimali kif stabbilit fl-attestat tas-saħħa ta' l-annimali jew iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa ta' l-annimali fl-Anness I mad-Direttiva 97/221/KE u;
- 9.3. huwa dderivat minn annimali li ġew maqtula u ppoċessati fi jew bejn il- (10).

It-timbru u l-firma uffiċjali

Magħmul fi fi



.....
(Il-Firma tal-veterinarju uffiċjali) (12)

.....
(l-isem b'ittri kbar, il-kwalifiki u t-titolu)

Noti

- (1) Il-prodotti mil-laħam kif stabbilit fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 77/99/KE.
- (2) Skond l-Artikolu 12 (*) jew l-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE.
- (3) Maħruġ mill-awtorita kompetenti.
- (4) Il-pajjiż u d-deskrizzjoni tat-territorju kif jidhru fl-Anness mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/222/KE (kif l-aħħar emendata).
- (5) Il-pajjiż u d-deskrizzjoni tat-territorju kif jidhru fl-Anness mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/222/KE (kif l-aħħar emendata).
- (6) Għandu jiġi inkluż l-indirizz (u n-numru ta' l-approvazzjoni jekk magħruf) tal-maħżen f'żona ħielsa, maħżen ħieles, mażen tad-dwana jew tal-bejjiegħ ta' l-oġġetti lill-bastimenti.
- (7) Għandhom jingħataw in-numru/i tal-vagun tal-ferrovija jew tat-trakk u l-isem tal-bastiment kif approprijat. Jekk magħruf, in-numru tat-titjira tal-vettura ta' l-ajru.
Fil-każ tat-trasport fil-kontenituri jew fil-kaxxi, għandhom jiġu indikati n-numru totali, ir-reġistrazzjoni u n-numri tas-siġilli tagħhom, jekk preżenti, skond il-punt 7.3.
- (8) Żomm kif approprijat.
- (9) Imla kif approprijat.
- (10) Id-Data jew it-dati tal-qatla. L-importazzjonijiet ta' dan il-laħam ma għandhomx ikunu permessi meta miksuba minn annimali maqtula jew qabel id-data ta' l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea tat-territorju msemmi taħt il- (*), jew matul perjodu taż-żmien meta jkunu ġew adottati l-miżuri restrittivi mill-Komunità Ewropea kontra l-importazzjonijiet ta' dan il-laħam minn dan it-territorju.
- (11) Imla kif approprijat.
- (12) Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar. L-istess regola tapplika għat-timbri għajr daww ibbuzzati l-barra jew bil-marka ta' l-ilma.